# Sillabu Storja Ġenerali

# Għall-Ħdax-il Sena

# (2018-2021)

**Dipartiment tal-Istorja fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**

# Daħla - Is-Sillabi tal-Istorja Ġenerali

## 1. Għanijiet Ġenerali

L-għanijiet ewlenin li għandhom jiggwidaw t-tħaddim ta' dan is-sillabu huma li l-istudenti:

- Ikunu konxji ta' x'inhi l-istorja u x'inhu l-iskop wara t-tagħlim ta' dan is-suġġett;
- Isiru konxji li l-istorja hi bbażata fuq tipi differenti ta' evidenza bħal fdalijiet arkeoloġiċi, dokumenti, manuskritti, mapep, ittri eċċ.
- Isiru iżjed konxji mill-wirt storiku f'pajjiżna biex b'hekk japprezzaw iżjed il-bżonn tal-konservazzjoni u r-restawr;
- Janalizzaw dak li seħħ fl-imgħoddi, biex jifhmu l-implikazzjonijiet tal-preżent u jiffurmaw aspirazzjonijiet għall-ġejjieni;
- Jiksbu ħiliet partikolari marbutin mat-tagħlim tal-istorja, bħal ġbir ta' informazzjoni minn sorsi u l-interpretazzjoni tagħhom, janalizzaw it-tibdil u l-kontinwità matul iż-żminijiet u l-kawżi u l-effetti ta' ġrajjiet fl-istorja, josservaw u jaslu għall-konklużjonijiet, jimmaġinaw lilhom infushom jgħixu fi żmien partikolari fl-imgħoddi (empatija) u jiżviluppaw ideja ċara ta' kronoloġija u sekwenza fl-istorja;
- Jitgħallmu sa fejn hu possibbli permezz ta' esperjenza diretta fi żjarat f'siti storiċi biex b'hekk it-tagħlim ikun iżjed stimulanti u jibqgħu jiftakru aktar;
- Isiru konxji li t-tagħlim tal-istorja mhuwiex biss tagħlim akkademiku, iżda mezz biex l-istudenti jwessgħu l-kultura tagħhom;
- Jagħrfu li bħalma s-soċjetà inbidlet matul iż-żminijiet u għadha tinbidel, huma għandhom jakkwistaw it-tħejjija meħtieġa biex jaddattaw ruħhom għall-bidliet tal-ġejjieni;
- Jistudjaw l-istorja ta' Malta f'kuntest iżjed wiesgħa li jinkludi l-isfond Mediterranju u Ewropew.

## 2. Kunċetti u Ħiliet li għandhom ikunu żviluppati

- **Iż-Żmien u l-Kronoloġija.** L-istudenti għandhom iqiegħdu l-ġrajjiet storiċi fil-perspettiva taż-żmien. Għalhekk għandhom jikkalkolaw kemm damu diversi ġrajjiet u jikkonsidraw is-sekwenza tagħhom. B'hekk jifhmu aħjar xi jfissru d-dati u jkollhom stampa iżjed ċara ta' kif żvolġew il-ġrajjiet.
- **Bidla u Kontinwità.** L-istudenti għandhom jifhmu t-tibdiliet li għadda minnhom il-bniedem matul iż-żmien. Billi jifhmu l-aspetti varji ta' differenza u similitarità li għadda minnhom il-bniedem fil-ġrajjiet u f'dak kollu li rnexxielu joħloq.
- **Kawżi u Konsegwenzi.** L-istorja hi ġrajjiet il-bniedem. Għalhekk l-istudenti għandhom jifhmu sewwa x'kienu l-kawżi jew il-motivi għala l-ġrajjiet seħħew u x'kienu l-effetti immedjati u mbiegħda tagħhom. B'hekk ikunu jistgħu janalizzaw u jevalwaw aħjar it-tagħrif li jkunu qegħdin jieħdu.
- **Empatija.** Meta jempatizzaw, l-istudenti jkunu qegħdin jaħsbu bil-moħħ ta' persuna li kienet tgħix fil-passat. F'eżerċizzju bħal dan l-istudenti jakkwistaw il-ħiliet biex jifhmu iżjed l-istorja. B'hekk jifhmu aħjar kemm ir-reazzjonijiet u l-attitudnijiet tal-bnedmin li kienu jgħixu fi żminijiet differenti u jqabbluhom ma' dawk tal-preżent.

- **L-użu tas-sorsi.** L-użu tas-sorsi primarji u sekondarji għandu jagħmel it-tagħlim tal-istorja iżjed motivat u effettiv. L-istudenti jkunu jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet billi jippruvaw jinferixxu jew jipotizzaw x'dawl jagħtu s-sorsi fuq il-ħajja fl-imgħoddi. L-istudenti jippruvaw jisiltu fatti, opinjonijiet, konklużjonijiet u ġeneralizazzjonijiet mis-sorsi minnflok jingħataw biss it-tagħrif meħtieġ.

**3. It-Tħaddim ta' dan is-sillabu**

Għalhekk matul it-tħaddim ta' dan is-sillabu, għandha tingħata importanza kontinwa:

- Lill-kunċetti storiċi u l-ħiliet li għandhom ikunu żviluppati fl-istudenti;
- Li t-temi mill-istorja ta' Malta jsiru fl-isfond iżjed wiesgħa li jinkludi dak Mediterranju u Ewropew;
- Li l-użu tas-sorsi li jagħmlu t-tagħlim iżjed relevanti u interessanti;
- Għall-apprezzament ikbar mill-istudenti tal-importanza tas-siti storiċi u l-bżonn tal-konservazzjoni u r-restawr.

**4. Strateġiji ta' tagħlim**

L-għalliema għandhom jippreżentaw il-lezzjonijiet b'mod stimulanti u interessanti biex l-istudenti jifhmu aħjar il-kunċetti li jkunu qed jiġu spjegati. Jeħtieġ ukoll li fix-xogħol li jingħata lill-istudenti, jinżamm bilanċ bejn il-komponenti differenti, li huma:

- It-Tagħrif (*Recall of Knowledge)*
- Il-Fehma (*Understanding of Knowledge)*
- Il-Ħiliet, l-Attitudnijiet u l-Kompetenzi (Skills, Attitudes, Competences)

Biex dawn l-għanijiet ikunu jistgħu jintlaħqu, l-għalliema jistgħu jużaw metodoloġija differenti bħal: diskussjoni fil-klassi, *role plays* u drama, *brainstorming,* materjal awdjo-viżiv, intervisti, logħob u dokumenti simulati, kitba ta' rapporti, xogħol ta' arti u *craft*, mudelli, proġetti u żjarat edukattivi. Id-diskussjoni fil-klassi jew fi gruppi għandha tingħata l-importanza li jixirqilha. B'hekk, din tkun qed tgħin biex permezz tal-istorja, l-istudenti jiżviluppaw ħiliet trasferibbli meħtieġa fit-tagħlim tul il-ħajja.

Ix-xogħol li għandu jingħata lill-istudenti għandu jkun stimulanti u interessanti u jinkludi xogħol ta' riċerka ħafifa minn sorsi sekondarji dwar xi tema marbuta mas-sillabu. Varjetà ta' sorsi bħal illustrazzjonijiet, stampi, ritratti, mapep, *posters*, *charts*, *time-lines,* u tabelli oħra jistgħu jintużaw b'mod stampat jew diġitali permezz tal-IWB. Dan iżid il-possibilità għall-għalliema biex jaddottaw sistema ta' assessjar formattiv.

**5. Objettivi għall-assessjar**

l-assessjar għandu jevalwa kemm l-istudenti kapaċi:

- Jesprimu fatti storiċi b'forma narrattiva u kreattivi;
- Jagħtu tagħrif bażiku fuq l-istorja u jiżviluppaw kunċetti u ħiliet marbuta magħha;
- Iħarsu lejn il-ġrajjiet minn għajnejn ta' nies li għexu fil-passat (empatija u perspettiva storika);
- Jwieġbu mistoqsijiet marbuta ma' sorsi b'mod konċiż, dirett u relevanti.

# Il-Ħdax-il Sena - Is-Sillabu fil-Qosor (2018-2021)

Lezzjonijiet

| | | |
|---|---|---|
| **11.1 Il-Preistorja** | | 3 lezzjonijiet |
| 11.1.1 | Iż-Żmien Neolitiku, Żmien it-Tempji u Żmien il-Bronż | 3 |

| | | |
|---|---|---|
| **11.2 Il-Wirt Arkitettoniku taċ-Ċiviltajiet tal-Mediterran** | | 4 lezzjonijiet |
| 11.2.1 | Il-Piramidi, l-Akropoli, u t-tempji f'Agrigento | 2 |
| 11.2.2 | Il-Kolossew, il-fdalijiet f'Kartaġni u l-Alhambra | 2 |

| | | |
|---|---|---|
| **11.3 Il-Karatteristiċi ewlenin tal-kampanja Maltija** | | 3 lezzjonijiet |
| 11.2.1 | It-taqsimiet tar-razzett Malti | 1 |
| 11.2.2 | Il-ħitan tas-sejjieħ, il-girna, id-dura u l-imtieħen | 1 |
| 11.3.3 | Il-ħtieġa li nippreżervaw ta' dan il-wirt | 1 |

| | | |
|---|---|---|
| **11.4 L-użu tal-qagħda strateġika ta' Malta matul iż-żmien** | | 2 lezzjonijiet |
| 11.4.1 | Il-kontribut ta' Malta għal qawwiet li ħakmu fil-Mediterran | 2 |

| | | |
|---|---|---|
| **11.5 It-twaqqif tal-Unjoni Ewropea u d-dħul ta' Malta f'din l-għaqda** | | 2 lezzjonijiet |
| 11.5.1 | It-twaqqif u t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea | 1 |
| 11.5.2 | Kif din is-sħubija effetwat lil Malta | 1 |

Total tal-Lezzjonijiet 14

| 11.1 Il-Preistorja Maltija (3 lezzjonijiet) | | |
|---|---|---|
| **Taqsimiet tat-Tema** | **Miri ta' Taghlim** | **Noti** |
| a. il-perjodu Neolitiku | L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu kif il-preistorja kienet tinqasam fi tliet żminijiet ewlenin. | Il-punti prinċipali huma:<br>• xi tfisser il-preistorja;<br>• it-tlett taqsimiet prinċipali tal-preistorja f'Malta (iż-Żmien Neolitiku, Żmien it-Tempji u Żmien il-Bronż) u referenza għall-fażijiet differenti ta' dawn il-perjodi.<br>Il-punti prinċipali huma:<br>• l-ewwel fdalijiet ta' djar fi Skorba;<br>• l-oqbra Neolitiċi (eż. dawn fix-Xemxija);<br>• Il-kumpless tat-tempji tal-Ġgantija |
| b. Żmien it-Tempji | • ikollhom tagħrif dwar u jkunu konxji mill-importanza tal-imqades u l-fdalijiet.<br>• jifhmu kif u għaliex għandna nħarsu dan il-wirt. | Referenza għall-imqades prinċipali:<br>• L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni;<br>• Ħaġar Qim;<br>• Tarxien;<br>• Mnajdra |
| c. Żmien il-Bronż | • ikollhom tagħrif dwar il-fdalijiet ta' dan il-perjodu u jifhmu x'dawl jagħtu fuq il-ħajja tal-bniedem f'dak iż-żmien. | Il-punti prinċipali huma:<br>• l-istrutturi u l-karatteristiċi ta' dawn t-tempji;<br>• tpinġijiet u dekorazzjonijiet u x'juru dawn dwar il-ħajja tan-nies f'dak iż–żmien;<br>• kif dan il-wirt storiku qiegħed jiġi rrestawrat u mħares illum.<br>Il-punti prinċipali huma:<br>• ħitan difensivi eż. Borġ in-Nadur u l-Baħrija;<br>• x'dawl jagħtu fuq il-ħajja tal-bniedem f'dak iż-żmien. |

| 11.2 Il-Wirt Arkitettoniku taċ-Ċiviltajiet fil-Mediterran (4 lezzjonijiet) | | |
|---|---|---|
| **Taqsimiet tat-Tema** | **Miri ta' Taghlim** | **Noti** |
| a. il-Piramidi tal-Eġittu | L-istudenti għandu jkollhom:<br>• tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-Piramidi. | Il-punti prinċipali għandhom ikunu:<br>• il-Piramida l-Kbira mibnija madwar is-sena 2600 Q.K.;<br>• inbnew bħala oqbra ġisem ibbalzmat tal-Farawni;<br>• l-aktar tlieta magħrufa jinsabu f'Giża;<br>• x'inhi l-Isfinġa (*sphinx*) u għaliex insibu qrib il-Piramidi; huma xhieda tal-ħila tal-inġiniera u l-ħaddiema Eġizzjani. |
| b. l-Akropoli ta' Ateni | • tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-Akropoli ta' Ateni. | Il-punti prinċipali għandhom ikunu:<br>• l-għolja ntużat għal qima, post ta' abitazzjoni u fortizza għad-difiża;<br>• il-Partenon, l-aktar tempju importanti fost it-tlieta li nsibu fl-Akropoli;<br>• stil Doriku bi sbatax il-kolonna għat-tul u tmienja fil-wisa';<br>• xeni mill-mitoloġija Griega;<br>• il-ħsarat li ġarrbet matul iż-żmien: serq, terremoti, nirien, gwerer, vandaliżmu, tniġġis. |
| c. tempji Griegi f'Agrigento | • tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tat-tempji Grieg f'Agrigento. | Il-punti prinċipali huma:<br>• Wied it-Tempji - eż. it-tempji ta' Ġuno, Concordia, Hercules, Zeus, u Demeter;<br>• għaliex nbnew;<br>• ınbnew fir-4 u 5 seklu Q.K.;<br>• l-istil użat;<br>• l-istat tagħhom illum; |
| d. Il-Kolossew f'Ruma | • tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-Kolossew f'Ruma. | Il-punti prinċipali huma:<br>• inbena fis-sena 72 W.K.;<br>• fih erba' sulari; 80 arkata fit-tliet sulari t'isfel; ir-raba' sular huwa itwal u fih bosta twieqi l-arkati huma mifruda minn xulxin b'kolonni ddekorati fit-tarf;<br>• għall-bidu kienu għall-ġlied tal-gladjaturi bejniethom jew ma' annimali feroċi;<br>• skont it-tradizzjoni Nisranija, fi żmien il-perskuzzjonijiet, l-ewwel Insara kienu jintefgħu biex jinqatlu mill-annimali selvaġġ; |

| | | |
|---|---|---|
| e. fdalijiet Rumani f'Sabratha u f'Kartaġni | • tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-fdalijiet Rumani f'Sabratha u f'Kartaġni. | Il-punti prinċipali huma:<br>Sabratha:<br>• Sabratha mibnija fl-1 u 2 seklu W.K.;<br>• fih insibu teatru Ruman fi stat tajjeb, illum jintuża għall-kunċerti u rappreżentazzjonijiet oħra<br>• fdalijiet oħra: banjijiet pubbliċi, tempji, mużajk, funtani, kolonni;<br>Kartaġni:<br>• ir-Rumani bnew fuq il-fdalijiet ta' Kartaġni Antika wara li kienu qerduha fl-aħħar Gwerra Punika (146 Q.K.);<br>• l-Għarab qerdu ħafna minn Kartaġni Rumana. L-istorja ta' Kartaġni Antika illum tinsab fin-nekropoli (post għad-dfin);<br>• fdalijiet mill-perijodu Ruman - eż. banjijiet, amfiteatru, akwedott, kolonni, statwi, mużajk. |
| f. l-arkitettura Mora tal-Alhambra | • tagħrif dwar u jifhmu l-importanza tal-arkitettura Mora ta' Alhambra. | Il-punti prinċipali huma:<br>• it-tifsira tal-kelma 'Mora';<br>• l-importanza tal-belt ta' Granada - palazzi, funtani u ġonna eż. *Lions' Court*, il-ġonna ta' G*eneralife*, il-fortizza ta' Alcazar;<br>• bini Rinaxximentali u Barokk li żdied mis-slaten Insara wara r-Rikonkwista. |
| a. apprezzament ta' dan il-wirt | • japprezzaw aktar il-wirt li għandna fil-Mediterran, wirt li jmur lura eluf ta' snin u hu parti integrali mill-wirt Ewropew. Il-wirt Malti jifforma parti minn din l-istampa ġenerali. | Il-punti prinċipali huma:<br>• il-preservazzjoni ta' dawn il-fdalijiet;<br>• hu ta' attrazzjoni turistika u mezz ta' dħul għall-ekonomija tal-pajjiżi fejn jinstabu. |

| 11.3 Il-karatteristiċi ewlenin tal-kampanja Maltija (3 lezzjonijiet) | | |
|---|---|---|
| **Taqsimiet tat-Tema** | **Miri ta' Taghlim** | **Noti** |
| b. Ir-razzett | L-istudenti għandu jkollhom:<br>• tagħrif dwar ir-razzett Malti u jifhmu l-karatteristi i ewlenin tiegħu u l-għala dan kien importanti. | Il-punti ewlenin huma:<br>• mibni f'nofs ir-raba';<br>• oriġini Għarbija (saqaf ċatt biex jin abar l-ilma tax-xita u ismijiet tal-kmamar semitiċi - eż. għorfa);<br>• adattat għall-klima Maltija (iżomm il-frisk fis-sajf u s-sħana fix-xitwa);<br>• joffri kenn u sigurtà;<br>• jaqdi l-bżonnijiet soċjali u ekonomiċi tal-bidwi;<br>• l-erba' partijiet prinċipali u l-użu tagħhom: maqjel, għorfa, bitħa, mandra.<br>• karatteristiċi tar-razzett: ġeneralment jikkonsisti f'sular wieħed, kantunieri u ħnejjiet mibnija bis-sejjieħ, bir jew ġibja għall-ħażna tal-ilma, b'xorok u ċangaturi tal-franka midluka biż-żejt tal-kittien, nuqqas ta' ħġieġ fit-twieqi, l-użu tal-kileb, il-ħorża, it-taraġ mikxuf fil-bitħa, is-setaħ u l-barumbara.<br>• bosta rziezet illum saru *converted farmhouses*, b'kumditajiet u lussu għal residenti Maltin, barranin jew turisti.<br><br>Il-ħorża:<br>• ġebla li tkun fuq il-bokka tal-bir;<br>• tikkonsisti f'ġebla waħda tal-franka;<br>• għamla ta' piramida bla ponta.<br><br>Il-barumbara:<br>• insibuha mal-ħitan ta' rziezet qodma;<br>• ġeneralment mibnija fil-għoli;<br>• żewġ fillieri toqob magħmulin apposta;<br>• biex ibejjet fihom il-ħamiem. |
| c. Il-ħitan tas-sejjieħ | • tagħrif dwar il-ħitan tas-sejjieħ u jifhmu x'inhu l-użu tagħhom. | Il-punti ewlenin huma:<br>• x'aktarx imorru lura għall-ħakma Għarbija;<br>• jifirdu għalqa minn oħra u l-għelieqi mit-toroq;<br>• speċi ta' taraġ biex l-għelieqi jinħadmu fuq terran wieħed.<br>• ideali għal kundizzjonijiet ġeografiċi ta' Malta;<br>• mibnija b'sengħa kbira, ġebla fuq ġebla mingħajr tajn, ġebel ta' daqs differenti;<br>• l-ilma tax-xita kien jiskula minn bejn il-ġebel mingħajr ma jġorr il-ħamrija. Għalhekk dawn il-ħitan ikunu mimlija pjanti u ħaxix selvaġġ. |

| | | |
|---|---|---|
| d. Il-ġirna | • tagħrif dwar il-giren u jifhmu l-karatteristiċi ewlenin tagħhom u għaliex dawn kienu importanti. | Il-punti ewlenin huma:<br>• tintuża għal kenn mill-qilla tax-xemx jew mix-xita jew ksieħ;<br>• mibnija b'ġebel li jinġabar mill-għalqa;<br>• mibnija fuq stil ta' ħajt tas-sejjieħ;<br>• giren tondi u kwadri;<br>• ħajt ta' barra jinbena inklinat biex jilħaq il-livell tas-saqaf;<br>• ħitan dobblu. L-ispazju jintela bil-mazkan u ż-żrar;<br>• bieb wieħed li dejjem iħares lejn il-Lvant;<br>• tintuża bħala maqjel fejn ir-raħħala jdaħħlu l-bhejjem, jagħlfuhom u jħalluhom jistkennu fil-maltemp;<br>• l-importanza tal-preservazzjoni tagħha. |
| e. Id-dura<br><br>f. l-imtieħen | • tagħrif dwar dawn u jifhmu x'kienu l-karatteristiċi ewlenin tagħhom u għaliex dawn kienu importanti. | Id-dura:<br>• post fejn il-kaċċatur jew in-nassab jarma dawra tond jew qaleb kbir mibnija bil-ġebel tas-sejjieħ;<br><br>Il-punti ewlenin huma:<br>L-imtieħen:<br>• komuni ħafna fl-imgħoddi;<br>• Triq it-Taħħan – evidenza li xi darba kien hemm mitħna f'dik it-triq;<br>• jaħdmu bir-riħ, jikkonsistu f'sitt iqlugħ;<br>• jidħnu l-qamħ għall-użu tal-familji tal-inħawi;<br>• imtieħen restawrati - ez. fiż-Żurrieq u fil-Qala, Għawdex |
| g. għaliex għandna d-dmir nippreżervaw dan il-wirt | • jifhmu l-ħsara ambjentali li qegħda issir fil-kampanja u l-importanza tal-preservazzjoni u r-restawr ta' dan il-wirt. | I-punti ewlenin huma:<br>• xhieda tal-ħajja tal-imgħoddi;<br>• jagħti dehra karatteristika u identità lill-ambjent Malti;<br>• juri l-ħila tal-ħaddiem Malti;<br>• xhieda ta' kemm l-istil ta' ħajja kien sempliċi u iebes fl-imgħoddi.<br><br>Il-punti ewlenin huma:<br>• xi drabi dan il-wirt jispiċċa abbandunat u vittma tal-vandaliżmu;<br>• jitwaqqa' biex jagħmel il-wisa' għall-bini modern;<br>• dan il-wirt qed jintilef bil-mod il-mod;<br>ir-restaw innifsu jista' jwassal biex tintilef il-karatteristika ta' dan il-wirt (eż. *converted farmhouses* bis-*swimming pool*). |

.

| 11.4 L-użu tal-qagħda stateġika ta' Malta matul iż-żmien (2 lezzjonijiet) | | |
|---|---|---|
| **Taqsimiet tat-Tema** | **Miri ta' Taghlim** | **Noti** |
| a. l-interess tal-qawwiet il-kbar matul iż-żmien.<br><br>b. il-kontribut ta' Malta. | L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu l-importanza tal-Port il-Kbir u għaliex diversi qawwiet urew interess f'Malta matul iż-żmien; | Il-punti prinċipali huma:<br>• il-pożizzjoni strateġika ta' Malta;<br>• qawwiet barranin li ħakmu l-Gżejjer Maltin matul iż-żminijiet;<br>• pajjiżi oħra li f'xi żmien urew interess f'Malta (eż. Il-Ġermanja, ir-Russja). |
| | • ikollhom tagħrif dwar u jifhmu is-sehem kbir li tat Malta lill-pajjiżi oħra matul iż-żminijiet; | Il-punti prinċipali huma:<br>• kif bosta qawwiet għamlu użu minn Malta qabel l-1530;<br>• l-importanza marittima ta' Malta matul il-perijodu tal-Kavallieri;<br>• is-sehem ta' Malta f'diversi gwerer - eż. il-Gwerer Napoljoniċi, il-Gwerra tal-Krimea, iż-Żewġ Gwerer Dinjija;<br>• l-impatt li ħalla l-ftuħ tal-Kanal tas-Swejz;<br>• il-Port il-Kbir bħala ċentru ta' servizzi fil-Mediterran - eż. it-tarzna; maħżen għall-faħam. |
| | • ikunu konxji mir-rwol ta' Malta illum meta mqabbel ma' imgħoddi. | Il-punti prinċipali huma:<br>• bidla fir-rwol ta' Malta wara l-Independenza;<br>• Malta bħala ċentru tas-servizzi fil-Mediterran;<br>• ir-rwol ta' Malta illum - eż. il-port ħieles. |

| 11.5 L-Unjoni Ewropeja u d-dħul ta' Malta f'din l-għaqda (2 lezzjonijiet) | | |
|---|---|---|
| **Taqsimiet tat-Tema** | **Miri ta' Taghlim** | **Noti** |
| a. l-iskop politiku u ekonomiku wara t-twaqqif tal-Unjoni Ewropea | L-istudenti għandhom:<br>• jifhmu għala nħass il-ħtieġa għall-għaqda Ewropea wara t-Tieni Gwerra Dinjija; | Il-punti prinċipali huma:<br>• il-bżonn tal-pajjiżi Ewropej jitkellmu b'vuċi waħda biex ikollhom influwenza fid-dinja (Jean Monnet);<br>• ir-rieda li tkun evitaw gwerra oħra qalila fl-Ewropa.<br>• il-ħtieġa ta' kooperazzjoni industrijali u ekonomika bejn l-Ewropej;<br>• swieq akbar li jwasslu għal kompetizzjoni, prodottività ikbar u livell ta' għajxien aħjar. |
| | • jifhmu kif u għaliex l-UE kibret matul is-snin. | Il-punti prinċipali huma:<br>• it-Trattat ta' Ruma fl-1957 li waqqaf is-Suq Komuni bl-ewwel 6 membri: Franza, il-Ġermanja tal-Punent, l-Italja; il-Belġju, l-Olanda u l-Lussumburgu);<br>• It-tkabbir tal-Unjoni Ewropeja permezz ta' mappa (b'emfasi fuq is-sitt membri oriġinali u t-tkabbir li sar sal-2004 bid-dħul ta' Malta Unjoni);.<br>• It-Trattat ta' Maastricht (1992): l-isem uffiċjali jsir Unjoni Ewropea, suq wieħed, moviment ħieles tal-persuni, prodotti, kapital u servizzi; regoli komuni li jħarsu l-livelli fil-qasam tax-xogħol, saħħa, ambjent; iżjed kooperazzjoni fid-difiża, ftehim dwar munita Ewropea komuni bid-dħul tal-Ewro fl-2002.<br><br>Il-punri prinċipali huma:<br>• il-waqgħa tal-Komuniżmu u t-tmiem tal-Gwerra Bierda wassal biex ħafna pajjiżi fil-Lvant tal-Ewropa jsiru membri fl-Unjoni Ewropea.<br>• L-Unjoni Ewropea kienet tiggarantixxi stabbilita ekonomika, finanzjarja u politika;<br>• it-tneħħija ta' kontrolli żejda bejn il-fruntieri (il-ftehim ta' Schengen);<br>• l-għotja taċ-ċittadinanza Ewropea bid-dritt li wieħed jivvjaġġa, jistudja, jaħdem u jgħix fl-istati membri;<br>• għajnuna għal żvilupp fl-infrastruttura, l-ambjent, l-edukazzjoni eċċ. |

| | | |
|---|---|---|
| b. Malta u l-Unjoni Ewropea | • jifhmu għaliex Malta għażlet li tissieħeb fl-UE; | Il-punti prinċipali huma:<br>• L-ekonomija Maltija kienet diġà marbuta u tiddependi fuq l-EEC;<br>• Bi sħubija, Malta kien se ikollha suq ikbar għall-prodotti u s-servizzi tagħha;<br>• Malta tkun tista' tirċievi għajnuna finanzjara mill-UE biex twettaq proġetti kbar;<br>• Malta kienet tħaddan il-prinċipji tad-demokrazija, tas-suq ħieles, tad-drittijiet ċivili u tas-saltna tad-dritt bħall-Unjoni Ewropea. |
| | • ikunu l-proċess ta' kif Malta saret membru; | Il-punti prinċipali huma:<br>• Malta tapplika biex issir membru (16 ta' Lulju 1990);<br>• 1996: bidla fil-Gvern Malti waqqfet it-talba għal sħubija. Minflok saret talba għal żona industrijali ħielsa mal-Unjoni Ewropea (*Partnership*).<br>• 1998: bidla oħra fil-Gvern Malta u t-talba ta' Malta biex issir membru reġgħet ġiet riattivata;<br>• il-poplu Malti vvota favur is-sħubija fir-referendum ta' Marzu 2003;<br>• f'April 2003 Malta tiffirma t-trattat tas-sħubija f'Ateni;<br>• f'1 ta' Mejju 2004 Malta saret uffiċjalment membru fl-Unjoni Ewropea. |
| | • Kif din is-sħubija affettwat lil-Maltin. | Xi punti prinċipali huma:<br>• drittijiet taċ-ċittadin imħarsa;<br>• sehem iżjed attiv f'dinja globalizzata;<br>• għajnuna mill-Unjoni Ewropea f'diversi proġetti infrastrurali - eż. toroq;<br>• opportunitajiet għaż-żagħżagħ fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;<br>• iżjed għarfien tal-importanza li nieħdu ħsieb ambjent;<br>• taħriġ għal dawk bla xogħol;<br>• it-tneħħija tal-monopolji u sussidji bla rażan;<br>• id-dħul ta' industriji ġodda: eż. servizzi finanzjarji, gaming u farmaċewtika;<br>• id-dħul tal-Ewro fl-1 ta' Jannar 2008. |

**N.B. Ma huwiex mistenni li l-istudenti jkunu jafu d-dettalji kollha li jidhru fin-noti għall-għalliema. L-importanti hu li dawn ikunu kapa i jidentifikaw dan il-wirt, ikunu jafu tagħrif bażiku fuqu u jifhmu l-importanza tiegħu.**

©Dipartiment tal-Istorja fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta’ Tagħlim u Assessjar (2018)